| Prim Ministru | Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjeta | Chairman Eżekuttiv, Awtorita' tal-Ippjanar |
|---|---|---|

**A.L. of 2017**

# ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

## (KAP. 552)

## Ordni tal-2017 li Jemenda l-Ordni dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 55 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, l-Awtorita tal-Ippjanar bi ftehim mas-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjeta, għamlet l-Ordni li ġej:-

Titolu.

A.L. 211 tal-2016.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2017 li Jemenda l-Ordni dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp, u għandu jinqara' u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni tal-2016 dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

Jemenda l-Werrej tal-Iskeda I tal-Ordni prinċipali.

**2.** Il-werrej għall-Iskeda I tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Wara l-"Klassi 19 –Attivitajiet u Ffilmjar" għanda tiżdied din il-Klassi ġdida:

"Klassi 20 – Żvilupp li għandu x'jaqsam mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin"

(b) Wara l-"Klassi 20 – Żvilupp li għandu x'jaqsam mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin" miżjuda bil-paragrafu (a) ta' hawn fuq, għanda tiżdied din il-Klassi ġdida:

"Klassi 21 – Żvilupp mill-Pulizija ta' Malta".

Iżid Klassi 20 mal-Iskeda I tal-Ordni Prinżipali

**3.** Wara l-Klassi 19 tal-Iskeda I tal-Ordni prinċipali għanda tiżdied din il-Klassi ġdida:

**"Klassi 20**
**Żvilupp li għandu x'jaqsam mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin"**

(i) Żvilupp magħmul mid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fuq

DRAFT

art allokata għall-istess Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fi pjan sussidjarju approvat skont l-Att, sakemm:

(a) fejn l-iżvilupp hu f'żoni mħarsa jew proprjeta' skedata, għandu jkun soġġett għal permess bil-quddiem tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi f'każ ta' żoni dikjarati bħala protetti skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-2016;

(b) l-iżvilupp hu rakkomandat mill-Ministru responsabbli mill-Ħabs.

L-iżvilupp taħt din il-Klassi huwa soġġett għall-proċedura ta' notifika kif stabbilit fl-artikolu 5(1) u (3). Iżda ma jkunx hemm bżonn tal-proċedura tan-notifika fejn fl-opinjoni tal-Ministru responsabbli mill-Ħabs, l-iżvilupp hu urġenti minħabba raġunijiet ta' sigurta'nazzjonali u l-Awtorita' tkun informata dwar dan.

Iżid Klassi 21 mal-Iskeda I tal-Ordni Prinċiali

**4.** Wara l-Klassi 20 tal-Iskeda I tal-Ordni prinċipali miżjuda bir-regolament 3 ta' hawn fuq, għanda tiżdied din il-Klassi ġdida:

**"Klassi 21 – Żvilupp mill-Pulizija ta' Malta"**

(i) Żvilupp magħmul mill-Pulizija ta' Malta fuq art taħt il-kontroll operattiv tal-istess Pulizija ta' Malta, sakemm:

(a) fejn l-iżvilupp hu f'żoni mħarsa jew proprjeta' skedata, għandu jkun soġġett għal permess bil-quddiem tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u tal-Awtorita' għall-Ambjent ur-Riżorsi f'każ ta' żoni dikjarati bħala protetti skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-2016;

(b) l-iżvilupp hu rakkomandat mill-Ministru responsabbli mill-Pulizija ta' Malta.

L-iżvilupp taħt din il-Klassi huwa soġġett għall-proċedura ta' notifika kif stabbilit fl-artikolu 5(1) u (3). Iżda ma jkunx hemm bżonn tal-proċedura tan-notifika fejn fl-opinjoni tal-Ministru responsabbli mill-Pulizija ta' Malta, l-iżvilupp hu urġenti minħabba raġunijiet ta' sigurta'nazzjonali u l-Awtorita' tkun informata dwar dan.

DRAFT

DRAFT